MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 102/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur A. Gafa)**
**Vs**

**Richard Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar t'April tas-sena 2004, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar Malta w sew jekk sar barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' mobile phone tad-ditta Sony Ericsson P800 li l-valur tieghu ma jeccediex il-LM200.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-appellat hati w ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 t’April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant, Avukat Generali fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghax jidher li qaghdet semplicement fuq dak li qal l-appellat li ma kienx jaf li l-mobile kien misruq. Illi fl-isfond tac-cirkostanzi ta’ fejn kien jahdem u tal-fatt li kien jaf li kienu insterqu diversi mobile phones, hu inverosimili li hu ma kellux l-ebda hjiel li l-mobile phone in kwistjoni kien misruq.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appell tal-Avukat Generali bazat fuq l-art. 413 ( c ) tal-Kodici Kriminali, li, b’ emenda recenti ta d-dritt lill-istess Avukat Generali li f’ certi kazi, jappella anki fuq kwistjonijiet fejn si tratta anki fuq semplici apprezzament ta’ fatt, jirrigwarda proprju l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet ghall-konkluzzjoni ta’ nuqqas ta’ htija.**

**Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-**

**Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**"** **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi ovvjament, kif anki gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, dan il-kriterju japplika kemm meta l-appellant ikun il-persuna misjuba hatja kif ukoll meta jkun l-Avukat Generali jew il-kwerelant.**

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' nuqqas ta htija dwar l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni tal-mobile phone tad-ditta Sony Ericsson P 800 in kwistjoni.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-fatti li tawk lok ghal din il-kawza, kif jirrizultaw mill-provi li jinsabu traskritti fil-process, huma s-segwenti. Fis-7 t' April, 2004, certu Ludwig bin Charles Zammit kien wasal Malta b' titjira minn Sqallija, u wara li stenna il-bagalji tieghu, nnota li wahda minnghom damet ma harget fuq il-carousel u**

**meta din wara xi hin harget, sab li kienet miftuha u minn go fiha, kienu naqsu diversi mobile phones li hu kien gab mieghu minn barra. Hu minnufieh irraporta dan in-nuqqas lill-ufficjali tal-linja tal-ajru Air Malta Co.Ltd li, a loro volta, talbu l-ghajnuna tal-Pulizija tal-Ajruport biex jinvestigaw il-kaz.**

**L-appellat li hu impjegat fl-istess Ajruport Internazzjonali ta' Hal-Luqa bhala *loader*, dak in-nhar kien dahal ghax-xoghol f' xil-10 pm u skond ma qal hu stess sema' lill-wiehed minn shabu jghid li kien ghadhom kif serqu xi mobile phones. Hu ma hassx li kellu jirraporta ghax fi kliemu stess : *"jien mhux Pulizija*." Wara xi zmien kien sema minnghand l-istess derubat Zammit li kienu nsterqulu xi phones mill-airport u gie mitlub jara jitkixxifx xi haga u li jekk igiblu dawn il-phones lura, kien anki lest jaghtih mitt lira ghal kull wiehed. Wara xi zmien certu Anthony Spiteri, li ukoll kien jahdem mall-appellat, kien offrielu li jbieghlu xi mobile phone u dan indahal biex ibieghulu. Wara kien mar ghandu certu Joseph Zammit u staqsieh ghandux xi phone ghall-biegh u hu qallu li kellu wiehed f' idejh u tah lil dan Zammit u talbu prezz ta' LM170. Pero' dan Zammit xtaq jiccekkja dwar il-phone. Dan Zammit spicca mar jistaqsi dwar il-mobile phone lill-istess derubat li, a sua volta, minnufieh gharaf il-mobile phone bhala wiehed minn dawk li kienu insterqulu mill-ajruport fis-7 t' April, 2004. Minn hawn il-Pulizija bdew jinvestigaw il-kaz mill-gdid sakemm waslu ghand l-appellat li rrilaxxja stqarrija.**

**F' din l-istqarrija l-appellat, fost affarijiet ohra, qal li meta kien dahal ghax-xoghol fis-7 ta' April, 2004, ghall xil-10 pm. kien mar fl-staff room biex jiehu kafe' u hemm "*smajt lil Daniel Grima jghid li kien seraq xi mobiles waqt li kien qed ihott ix-xoghol, Jiena ma tkellimt xejn. Smajt ukoll li l-Pulizija ta' l-Airport ghamlu xi searches fil-lockers tal-loaders u d-drivers".* Wara kien cempillu certu habib tieghu Charles Zammit li ghandu hanut tal-mobiles f' Hal Qormi u qallu li kienu serqulu il-mobiles mill-Airport .**

***“Hu kien cempilli sabiex jipprova jitkixxef xi haga minn ghandi. Jien ghidltu li jekk inkun naf xi haga ninfurmah. Tant ried informazzjoni li qalli li jekk inkun naf xi haga dwar dawn il-mobiles, hu kien lest li jhallas mitt lira (LM100) il wiehed ghalihom.”*** **Zied jghid ukoll :** ***“Issa, tlitt ijiem ilu, kont ix-xoghol u gie fuqi Anthony Spiteri maghruf bhala “il-Wiju” , u qalli li kellu mobile ghall-biegh. Jien ghidtlu li kont ser nipprova imbieghhulu”,***

***“Mistoqsi dwar jekk gienix suspett li dan il-mobile seta’ gie mis-serqa ta’ gimgha ilu, jien inwiegeb li jiena ma ssuspettajtx jekk dan il-mobile kien gej mis-serq jew le.”***

***“Dalghodu stess cempilli certu Joseph Zammit maghruf bhala “il-Buggies” u qalli li xtaq jixtri mobile. Jien ghidtlu li kelli dan il-mobile ghall-biegh u gie ghalih hdejn il-kazin tal-banda Anici. Hu qalli li ried jarah u ma hallasniex tieghu….Ftit wara li telaq bil-mobile, dan Joseph Zammit cempilli u qalli l-mobile kien misruq.”***

Jigi notat li f’ dan l-istadju l-appellat ma kienx qal li kien hu stess li baghat lil Joseph Zammit jiccekkja dwar il-mobile phone ghand id-derubat Charles Zammit

**Wara hu mar ghand id-derubat Charles Zammit biex jara kif jitsta’ jirranga l-affarijiet.**

**Meta l-appellat gie mistoqsi mill-Ispettur :- “*Tista’ tghidli kif qbadt u mort ghand Charles Zammit* (id-derubat) *int illum?”,* l-appellat wiegeb : *“Ghax Joseph Zammit “Il-Buggies” qalli li l-mobile kien ta’ Charles Zammit. Hawnhekk jien indunajt, u ghamilt “one plus one” li dan il-mobile li kien taghni Anthony Spiteri kien insteraq mil-lot ta’ Charles Zammit.”***

**Ghad-domanda tal-Ispettur *: “Nghidlek sew illi din il-bicca tas-serq ilha tigri ghal hafna zmien fl-ajruport?”* l-appellat wiegeb *: <u>“Nista’ nghid li din il-haga qiesha indrat.”</u>* (sottolinear ta’ din il-Qorti)**

**Meta nduna bil-bicca tax-xoghol tas-serqa, hu kien cempel lil Anthony Spiteri u qallu "*li konna gejna fl-inkwiet. Hu qalli biex ma nikxfux ghax kien ser jigi fl-inkwiet u qalli li kien lest li jiskuza ruhu ma Charles Zammit* (id-derubat). *Fil-fatt dan Anthony Spiteri qalli biex jigi ghandi u igibli mobile iehor milli kienu serqu. Dan peress lli ried iroddu lura lil Charles Zammit halli 'kollox imut fuq ommu'. ….Inzid nghid ukoll illi meta cempilt lil Daniel Grima dan ukoll qalli li kellu mobile phone li ried irodd lura lil Charles Zammit. Fil-fatt jiena ftehemt ma' Daniel Grima li ghada filghodu immur ghandu u nigbor il-mobile biex natih lil Charles Zammit."***

**Mistoqsi mill-Ispettur : *"Tista' tghidli ghalfejn indhalt daqshekk biex tghin lil Daniel u lil Anthony inti?"* wiegeb : *"Ghax ma nixtieqx narhom fl-inkwiet."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti rriproduciet daqstant fid-dettall dawn il-partijiet mill-istqarrija tal-appellat ghax minnhom johrog minghajr l-icken dubju li hu kien konsapevoli sew ta' dak li kien ghaddej fuq il-post tax-xoghol fejn kien jahdem u fejn, fi kliemu stess, is-serq hu haga li qisha indrat u fejn aktar specifikatament kien jaf minn shabu stess li dawn fis-7 t' April, 2004, ftit granet qabel ma gie fil-pussess tal-mobile phone misruq in kwistjoni, kienet proprju sehhet serqa ta' mobile phones minn shabu Grima u Spiteri. Mhux hekk biss imma l-istess derubat, anki qabel ma gie dan il-mobile phone f' idejn l-appellat, kien cempillu u qallu bis-serqa u talbu jitkixxiflu xi haga dwarha, Ghalhekk bl-istess mod li fi kliemu stess ghamel** *"one plus one"* **meta Joseph Zammit cempillu biex jghidlu li dak il-mobile phone kien wiehed minn dawk misruqa mill-bagalja ta' Charles Zammit, suppost li kien facli ghalih li ukoll jaghmel "one plus one", meta f' dawk ic-cirkostanzi gie offrut mobile phone minn wiehed minn shabu.**

**Illi din il-Qorti tarha ferm stramba li bejn il-klikka tal-*loaders* tal-ajruport ikun hemm speci ta' impieg sekondarju konsistenti fin-negozju tal-mobile phones u fejn wiehed jghaddi lill-iehor mobile phones u fejn kullhadd jippoza li hu dilettant tal-mobile phones, jekk mhux ghax, kif qal l-istess appellat, hemmhekk il-bicca tas-serq kienet *"qisha indrat".* F' dawn ic-cirkostanzi, l-appellat li kien jaf sew x' qed jigri fl-ambjent fejn kien qed jahdem, ma kellux ghalfejn ihaddem mohhu wisq biex minnufieh jigieh suspett fondat li l-mobile phone li kien qed joffrilu Joseph Spiteri seta' kien ukoll x'aktarx misruq.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-appellat jissottometti li kieku hu kien jaf li l-mobile phone kien misruq minn Charles Zammit ma kienx jibghat lil Joseph Zammit jiccekkja dwaru ghand l-istess derubat. Din ic-cirkostanza kien forsi jkollha xi mertu kieku l-appellat kien semmiha fl-istqarrija tieghu a tempo vergine. Mentri imkien fl-istqarrija tieghu ma ssemmiet, haga li kien zgur kieku jemfasizza mall-Pulizija biex jipprova juri kemm kien genwin. Invece din ic-cirkostanza tfaccat wara w biss mix-xhud tal-prosekuzzjoni Joseph Zammit, li beda biha qabel biss ma kien ta' xi dettalji dwar kif beda l-kaz, ghax ovvjament ried jemfasizzha biex jghin lill-appellat, li hu kien suppost imsejjah biex jixhed kontrieh.(Fol. 38). Fil-fehma ta' din il-Qorti din kienet biss trovatura ta' Joseph Zammit kalkolata biex tghin lill-appellat siehbu.**

**L-istess jidher li pprova jaghmel il-habib l-iehor tal-appellat Charles Zammit, id-derubat, meta l-ewwel tenna li meta Joseph Zammit kien mar ghandu biex jistaqsieh dwar il-mobile phone u jekk jiswiex LM120, dan kien <u>b' kumbinazzjoni</u>, mbaghad kien biss fuq domanda direttissima tal-Avukat tal-appellat fil-kontroezami : "*Issa, ara hux qed nghid sew ukoll illi, dan stess kien qallek illi kien Richard Spiteri li baghtu ghandek biex jivverifika mieghek jekk il-prezz hux wiehed tajjeb. Tikkonferma dan?"* dax-xhud wiegeb**

***"iva."* Din il-Qorti ma thoss li tista' taghti affidament lil din ix-xhieda manifestament kontradittorja.**

Illi anki kieku kellhom jitwemmnu dan Joseph Zammit u Charles Zammit li kien l-istess appellat li baghat lil Joseph Zammit ghand id-derubat, dan lanqas ma jipprova li l-appellat kien genwin f' dan, ghax l-appellat seta' ma kienx jaf fiz-zgur li dak il-mobile phone partikolari kien necessarjament wiehed misruq minnghand Charles Zammit, minkejja li c-cirkostanzi xorta wahda kienu jindikaw provenjenza suspettuza.

**Ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-appellat jghid li hu kien talab prezz ta' LM170 minnghand Joseph Zammit dan Joseph Zammit kien qal lil Charles Zammit : *"Dan kont ser nixtrieh mija u ghoxrin lira, jiswiehom?"* (Fol. 27). Jekk verament dan kien il-prezz li kien qed jitlob l-appellat minnghand Joseph Zammit, dan kien zgur ferm inferjuri w irhas ghall-prezz li bih l-istess mobile phone kien jimbiegh skond id-derubat u cioe' xi LM200. Din ukoll hija cirkostanza indikattiva.**

**Umbaghad l-interess li wera l-appellat biex icempel lill-hallelin biex jigbor il-phones kollha misruqa minnhom turi bic-car kemm hu kien *au courant* ta' s-serq li kien isir fl-ajruport minn shabu l-*loaders* u kemm kien ta' gewwa w ta' certa fiducja maghhom biex ikun jista' jidhol ghal bicca xoghol simili. Ghalhekk zgur li ma jistax b' success jinvoka l-injoranza tieghu ta' dak li kien qed jigri u li allura ma kellux jintebah li l-akkwist tal-mobile phone in kwistjoni da parti tieghu kien wiehed manifestament suspettuz.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[**26.8.1998]); it-teorija Ingliza "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' *"law of evidence"* il-gurisprudenza taghna**

**ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti.**

**F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold **: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-**

***"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from*** *Cross on Evidence* ***, 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."***

***"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the***

***<u>type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence.”</u>*** **(sottolinear ta’ din il-Qorti).**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fid-dawl ta’ dawn il-principji ta’ dritt, din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kien imissha ikkonkludiet legalment u ragjonevolment li, mill-provi fuq riprodotti, partikolarment minn dak li qal l-istess appellat fl-istqarrija tieghu, hu kien imissu induna jew issuspetta b’ mod qawwi li l-mobile phone in kwistjoni kien wiehed misruq u dana bl-uzu ta’ intelligenza modika infurmata mic-cirkostanzi kollha li kienu qed jigru fuq il-post tax-xoghol tieghu bhala *loader* fl-ajruport, fejn, apparti li kien jaf li kien ghadhom kif insterqu mobile phones, skondu l-bicca tas-serq fl-ajruport kienet haga li *<u>“qiesha indrat</u>”.***

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara li f’ dan il-kaz ghandha tiddisturba l-apprezament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti u ssib htija tal-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni dedotta kontra l-appellat.

Illi dwar il-piena, mill-fedina penali tal-appellat jidher li minkejja li ghandu mhux inqas minn tmintax il-kundanna, dawn jirriferu biss ghall-kontravvenzjonijiet zghar marbuta max-xoghol tieghu ta’ driver jew konduttur ta’ karozzi tal-linja, dan hu l-ewwel reat serju li tieghu qed jinstab hati.

**Il-Qorti thoss li, ghalkemm ir-reat jikkoncerna ricettazzjoni ta’ mobile phone wiehed li jiswa’ mhux aktar minn mitejn lira, tenut kont tal-isfond kollu tal-kaz u cioe’ ta’ reat kommess minn impjegat tal-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fuq oggett misruq mill-istess ajruport minn *loaders* ohra tal-Air Malta bhalu, u dana b’ dannu ghall-isem tal-istess linja tal-ajru, tal-ajruport ta’ Malta u b’ mod generali b’ dannu**

**kbir ghall-industrija tat-turizmu, ma tistax tqiesu bhala reat zghir u ghalhekk hemm bzonn li tibghat messagg lis-socjeta’ li dawn ir-reati huma gravi bizzejjed biex jimmeritaw is-sanzjoni tal-habs, kif tipprovdi l-ligi.**

Pero’,  mill-banda l-ohra, tenut kont li fil-kondotta l-appellat ma ghandux kundanni ghal reati serji, thoss li f’ dan il-kaz ghandha tapplika l-provvediment tas-sentenza sospiza, bit-tama li l-appellat jifhem u japprezza l-gravita’ tar-reat tieghu w jagharaf jibza’ ghall-post tal-impieg tieghu fil-futur.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w minflok, wara li rat l-artikoli 334 (a), 279 (a) u 28A tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-appellat hati tal-akkuza ta’ ricettazzjoni w cioe’ li fix-xahar t’ April, 2004, f’ dawn il-Gzejjer, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew akkwistati b’ reat f’ Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe’ mobile phone tad-ditta Sony Ericsson P8000 li l-valur tieghu kien ta’ cirka mitejn lira Maltin,u ghalhekk ma jeccedix l-elf lira Maltin u tikkundannah ghall-piena ta’ sena prigunerija, liema sentenza pero’ ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum, l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.**

**Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-appellat ir-responsabbilta’ tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, jekk hu jikkommetti matul il-periodu operattiv ta’ erba’ snin reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------